# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 15 ta' Dicembru 2020**

**Kawza Numru: 9**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 21/2020 JVC**

**L-Avukat Dr Catherine Mifsud ghan-nom u in rapprezentanza ta' Alfred Andrew Vincent Antony Ashley detentur tal-passaport Ingliz numru 513951557 u David Antony Ashley detentur tal-passaport Ingliz 518373060**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti l-Avukat Dr Catherine Mifsud noe kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1) 'Illi is-sur Alfred Andrew Vincent Antony Ashley twieled gewwa Tas-Sliema nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Awwissu elf disgha mija u erbgha u tletin (1934) u huwa inghata l-isem ta' Alfred Azzopardi u dan kif jirrizulta minn l-Att tat-Twelid mizmum fir-Registru Pubbliku li jgib in-numru tal-iskrizzjoni sitta tlieta zero erbgha (6304) tas-sena elf disgha mija u erbgha u tletin (1934) (hawn anness u mmarkat bhala Dok.A);

2) Illi eventwalment is-Sur Alfred Ashley emigra lejn l-Ingilterra fejn izzewweg lil Ann Jennifer Azzopardi nee' King u nhar id-disgha (9) ta' April elf disgha mija u sitta u sittin (1966) gewwa Courtauld Hospital fi Braintree f'Essex l-Ingilterra twieled it-tifel taghhom illi inghata l-isem ta' David Antony Azzopardi kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid mizmum fir-Registru Pubbliku li jgib in-numru tal-iskrizzjoni erbgha sebgha tnejn hamsa (4725) tas-sena elfejn u dsatax (2019) (hawn anness u mmarkat bhala Dok. B). Illi tali Att ta' Twelid huwa vera kopja tal-Att tat-Twelid registrat fi Braintree, Essex, l-Ingilterra nhar l-erbgha (4) ta' Mejju elf disgha mija u sitta u sittin (1966) (hawn anness u mmarkat bhala Dok C);

3) Illi skont ittra mibghuta lilu nhar il-hamsa (5) ta' Settembru elfejn u sbatax (2017) minghand Identity Malta, is-Sur David Antony Ashley kien meqjus illi akkwista ic-cittadinanza Maltija fit-twelid u dana ai termini tal-artikolu 9 tal-Att dwar ic-Cittadinanza Maltija (Kap 188 tal-Ligijiet ta' Malta);

4) Illi permezz ta′ deed poll datat nhar is-sitta (6) ta′ Marzu elf disgha mija u tlieta u sebghin (1973) is-Sur Alfred Ashley irrinunzja ghal kunjom Azzopardi u addotta il-kunjom ta′ Ashley. Illi permezz tal-istess deed poll huwa bidel anke kunjom martu u ibnu u b′hekk anke huma saru maghrufin bil-kunjom Ashley (hawn anness u mmarkat bhala Dok.D);

5) Illi inoltre filwaqt illi fl-Att tat-Twelid tas-Sur Alfred Ashley l-uniku isem illi hemm imnizzel huwa dak ta′ Alfred, huwa dejjem kien maghruf bhala Alfred Andrew Vincent Antony u ghaldaqstant dawn l-ismijiet ghandhom jigu rikonoxxuti u imnizzla fl-Att tat-Twelid tieghu;

6) Illi minn dakinhar il quddiem il-familja bdiet tissejjah bil-kunjom Ashley. Illi filfatt is-Sur David Antony Ashley izzewweg lili Jacqueline Agnes Cassels nhar l-erbatax (14) ta′ Novembru elf disgha mija u sebgha u tmenin (1987) u huwa kien maghruf bil-kunjom ta′ Ashley. Illi eventwalment dan iz-zwieg sfaxxa u il-koppja iddivorzjaw permezz ta′ digriet tal-Colchester and Clacton County Court tas-sittax (16) ta′ Mejju tas-sena elf disgha mija u disgha u tmenin (1989), liema digriet gie assolut nhar it-tlieta (3) ta′ Lulju elf disgha mija u disgha u tmenin (1989) (hawn anness u mmarkat bhala Dok.E);

7) Illi eventwalment nhar il-wiehed u tletin (31) ta′ Marzu elfejn u wiehed (2001) is-Sur David Antony Ashley izzewweg lil Teresa Mary Wyatt fil-Parrocca ta′ Witham f′Essex, l-Ingilterra (hawn anness u mmarkat bhala Dok.F). Illi wara iz-zwieg l-imsemmija Teresa Mary Wyatt addottat

kunjom zewgha u b'hekk hija ukoll giet maghrufa bil-kunjom ta' Ashley;

8) Illi minn dan iz-zwieg bejn David Antony u Teresa Mary konjugi Ashley twieldet tifla nhar id-disgha (9) ta'; Novembru elfejn u tlieta (2003) inghatat l-isem ta' Hannah Rachael Ashley u dan kif jidher minn l-Att tat-Twelid taghha registrat nhar is-sbatax (17) ta' Novembru elfejn u tlieta (2003) fid-distrett ta' Nuneaton and Bedworth f'Warwickshire, l-Ingilterra (hawn anness u mmarkat bhala Dok.G);

9) Illi il-familja Ashley ghadha maghrufa b'dan il-kunjom sal-gurnata tal-lum u dan kif jidher mill-kopji tal-passaporti taghhom mahruga fl-Ingliterra (kopji hawn annessi u mmarkati bhala Dok. H);

10) Illi r-rikorrenti jixtiequ illi din il-bidla fil-kunjom taghhom tigi rikonoxxuta anke gewwa pajjizna sabiex huma ikunu jistghu japplikaw sabiex jinhargilhom passaport Malti bil-kunjom illi huma maghrufin bih u illi ilu rikonnoxxut mill-awtoritajiet Inglizi sa minn Marzu tal-elf disgha mija u tlieta u sebghin (1973) u cioe' iktar minn sitta u erbghin (46) sena;

11) Illi inoltre jekk ikun rikonnoxut dan il-bidla fil-kunjom tas-Sur David Antony minn Azzopardi ghal Ashley, huwa ikun jista jipprocedi billi jirregistra iz-zwieg tieghu ma' Teresa Mary Ashley kif ukoll jipprocedi billi jirregistra l-Att tat-Twelid ta' bintu Hannah Rachael Ashley u b'hekk huma

ukoll ikunu f'pozizzjoni illi japplikaw ghac-cittadinanza Maltija;

12) Illi gewwa l-Ingilterra kull persuna ghandha dritt illi taghmel tibdil f'isimha u kunjomha bl-iktar mod liberu u dan permezz ta' deed poll illi lanqas ma hemm il-htiega illi jigi registrat u deed poll huwa rikonoxxut bhala dokument illi ghandu sahha legali u b'hekk l-awtoritajiet jaccettaw tali bidliet fl-ismijiet u kunjomijiet tal-persuni u dan kif jidher mill-opinjoni legali miktuba minn Nutar Pubbliku illi jippratika gewwa l-Ingilterra illi qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. I;

13) Illi a kuntrarju tas-suespost, l-Awtoritajiet Maltin ma jirrikonnux bidla fl-isem tal-isem jew kunjom tal-persuna permezz ta' deed poll awtomatikament u hija din l-Onorabbli Qorti illi ghandha is-setgha illi taghmel dan u ghaldaqstant ir-rikorrenti qeghdin jipprezentaw il-proceduri odjerni;

Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u necessarja, joghgobha;

1) Tordna u tirrikonoxxi illi is-Sur Alfred Ashley validament bidel kunjomu minn Azzopardi ghal Ashley u dan permezz tad-deed poll datat nhar is-sitta (6) ta' Marzu elf disgha mija u tlieta u sebghin (1973);

2) Tordna u tirrikonoxxi illi permezz tal-imsemmi deed poll datat nhar is-sitta (6) ta' Marzu elf disgha mija u tlieta u

sebghin (1973) kunjom is-Sur David Antony Ashley ukoll inbidel minn Azzopardi ghal Ashley;

3) Tordna illi ir-rikorrenti ghandhom ikunu maghrufa gewwa Malta bil-kunjom Ashley;

4) Tordna u tirrikonoxxi illi l-ismijiet moghtija lis-Sur Alfred Ashley u li bihom huwa ghandu ikun maghruf huma Alfred Andrew Vincent Antony u mhux sempliciment Alfred;

5) Tordna lil-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex tali tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-istat civili tal-esponenti kif applikabbli;

Bl-ispejjez kontra id-Direttur intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jistqarr li ma huwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

2. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent jeccepixxi ukoll illi ghalkemm l-posizzjoni tal-ligi taghna hija kuntrarja ghal tibdiliet fil-kunjom tal-familja, ghajr fil-limiti espressament konsentiti bil-Ligi, huwa minnu wkoll li recentement il-qrati taghna kienu anqas rigidi fil-konsiderazzjonijiet taghhom ta' talbiet ghal bidliet tal-istat civili;

3. Illi fir-rigward tad-*deed polls*, ghalkemm dawn ma humiex regolati mil-ligi nostrana, ghandu jigi sottolinjeat illi l-Qrati taghna ddeciedew illi sabiex *deed poll* jkun jista' jigi rikonoxxut f'pajjiz esteru, ghandha: (i) ssir il-prova mir-rikorrent li *d-deed poll* ikun verament sar, (ii) prova tal-effetti tieghu skont il-ligi tal-pajjiz koncernat, u (iii) prova li saret xi forma ta' registrazzjoni;[1]

4. Illi fil-kaz odjern jidher li r-rikorrent twieled gewwa Malta nhar il-31 ta' Awwissu 1934 u l-Att tat-Twelid tieghu jgib in-numru progressiv 6304 tas-sena 1934. Dan l-Att jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1'. Hekk kif jixhed l-Att tat-Twelid stess, l-attur gie moghti l-isem u kunjom ta' *'Alfred Azzopardi',* liema informazzjoni giet iddikjarata minn omm ir-rikorrent;

5. Illi stante s-suespost, l-esponent umilment jirrileva li ghaldaqstant ma jirrizultax li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent stess;

6. Illi l-esponent jinnota illi l-attur, *inter alia,* ezebixxa mar-rikors promotur kopja tad-*deed poll* in kwistjoni, liema *deed poll* sar sabiex *'I absolutely and entirely renounce relinquish and abandon the use of my said fomer surname of Azzopardi and assume and determine to take and use from the date hereof the surname of Ashley in substitution for my former surname of Azzopardi'.*

---

[1] *Vide* s-sentenzi fl-ismijiet **Anthony Mallia et vs Direttur tar-Registru Pubbliku,** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Jannar 2011, **Damian Jean Carlo Vincent Borg sive Damian Pandolfino vs Direttur Registru Pubbliku,** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar is-16 ta' Lulju 2015, **Jonathan Philip White (ID212496M) u Patrick Leonard White (ID214296M) vs Direttur tar-Registru Pubbliku,** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta' April 2019.

Ghaldaqstant jidher car illi d-*deed poll* in kwistjoni qieghed jistabilixxi illi r-rikorrent biddel kunjomu gewwa l-Ingilterra. Madanakollu l-esponent jirrileva u jissottolineja illi d-*deed poll* ma jaghmel l-ebda referenza ghal tibdil fl-isem;

7. Illi fid-dawl ta' dan u fir-rigward tat-talbiet kollha attrici l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

8. Illi finalment u dan minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tal-atturi mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra l-atturi li qeghdin jigi ingunti in subizzjoni.'

Rat l-affidavit, *deed poll*, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-24 ta' Settembru, 2020 il-kawza giet differita in difett' ostacolo ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat illi fil-mori l-ebda difett ma' tressaq mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi r-rikorrenti Dottor Catherine Mifsud nomine permezz tar-rikors guramentat odjern qed titlob li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' Alfred Azzopardi bin-numru ta' iskrizzjoni 6304 tas-sena 1934 u dan billi mal-isem 'Alfred' jizdiedu l-ismijiet 'Andrew, Vincent, Antony', kif ukoll, sabiex il-kunjom tieghu jigi mibdul minn dak ta' 'Azzopardi' ghal dak ta' 'Ashley' (ara l-att tat-twelid a fol. 10 tal-process).' Titlob ukoll li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' David Antony Azzopardi bin-numru ta' iskrizzjoni 4725 tas-sena 2019 u dan billi l-kunjom minn dak ta' 'Azzopardi' jigi mibdul ghal dak ta' 'Ashley' (ara l-att tat-twelid a fol. 11 tal-process).

Rat illi fir-risposta guramentata tal-14 ta' Frar, 2020 a fol. 33 tal-process id-Direttur intimat ressaq eccezzjoni fejn huwa stqarr li m'huwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat. Huwa eccepixxa li ghalkemm il-posizzjoni tal-ligi taghna hija kuntrarja ghat-tibdil fil-kunjom tal-familja ghajr ghal dak konsentit mill-Ligi, l-Qrati m'ghadhomx daqstant rigidi fil-konsiderazzjonijiet taghhom. Huwa sahaq li fil-konfront ta' *deed polls* ghalkemm dawn m'humiex regolati mill-ligi nostrana, l-Qrati taghna ddecidew li sabiex deed poll tista' tigi rikonoxxuta f'pajjiz esteru ghandha (i) ssir il-prova mir-rikorrenti li d-deed poll tkun verament saret, (ii) prova tal-effetti taghha skont il-ligi tal-pajjiz koncernat, u (iii) prova ta' forma ta' registrazzjoni. Id-direttur eccepixxa li ma jirrizultax li sar xi zball jew saret xi ommissjoni da parte tieghu kkunsidrat li r-rikorrenti Alfred Azzopardi twieled gewwa Malta nhar il-31 ta' Awwissu, 1934 u l-informazzjoni tieghu giet moghtija minn ommu. Id-Direttur innota wkoll li mid-*deed poll* jirrizulta li l-bidla saret biss fil-kunjom u mhux ukoll fl-isem. Fid-dawl ta' dan kollu u tat-talbiet id-Direttur irrimetta ruhu salv li l-provi jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi.

Finalment sahaq li fi kwalunque kaz l-azzjoni tal-atturi mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parte tal-esponenti u kwindi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza.

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern nhar il-21 ta' Jannar, 2020 hekk kif mitluba mil-ligi u prova ta' dan giet esebita fl-atti a fol. 39 tal-process.

Illi kronologikament din il-Qorti ser tghaddi sabiex titratta t-talbiet ta' Alfred Ashley relatati mal-bdil tal-isem u l-kunjom. Sussegwentement titratta t-talbiet ta' David Antony Ashley relatati mal-bdil fil-kunjom.

**Zieda mal-isem ta' Alfred biex jigi Alfred Andrew, Vincent, Antony:**

Illi d-Direttur intimat fis-sitt eccezzjoni tieghu jeccepixxi li fid-*deed poll* hemm stabbilit li r-rikorrenti Alfred Ashley bidel kunjomu gewwa l-Ingilterra pero' ma jaghmel l-ebda referenza ghall-isem.

L-attur li taha d-deposizzjoni b'affidavit a fol. 46 *et seq* tal-process stqarr li huwa dejjem kien maghruf bl-isem ta' Alfred Andrew Vincent Antony liema ismijiet inghataw lilu fil-maghmudija li saret fl-4 ta' Settembru, 1934. Jezebixxi kopja tac-certifikat tal-maghmudija a fol. 47 tal-process minn fejn jirrizulta li huwa kien inghata l-ismijiet ta' 'Andreas Vincentius Antonius'. Huwa qal is-segwenti:

> 'Although on my birth certificate the only name listed is that of Alfred, I have always been known with my full name of Alfred Andrew Vincent Antony which name were given to

me during my baptism on the fourth ($4^{th}$) September of the year one thousand, nine hundred and thirty-four (1934). A copy of my baptism certificate is hereby being attached and marked as Dok. AA1. Even my official documents, including my British passport are issued under my full name of Alfred Andrew Vincent Antony. I would like to point out that although on some documents, my fourth name is listed as Anthony, the correct spelling of my name is Antony as listed in my British passport.'

Ir-rikorrent Alfred Ashley ipprezenta kopja tac-certifikat taz-zwieg tieghu a fol. 48 tal-process fejn l-isem hemm indikat huwa dak ta' Alfred Andrew Vincent Anthony Azzopardi. Ipprezenta wkoll kopja tal-passaport Ingliz tieghu a fol. 22 tal-process fejn l-isem hemm indikat huwa dak ta' 'Alfred Andew Vincent Antony'.

Illi l-Qorti rat ukoll id-*deed poll* a fol. 16 tal-process li kienet saret fis-6 ta' Marzu, 1973 fejn huwa minnu dak li ddikjara d-Direttur intimat li t-tibdil li sar kien fil-kunjom u mhux fl-isem. Madanakollu jekk tinghata harsa sew lejn id-*deed poll* jirrizulta wkoll li l-applikazzjoni saret fuq isem 'Alfred Andrew Vincent Anthony' b'dan li effettivament jirrizulta li lura fis-sena 1973 ir-rikorrent gia kien jaghmel l-uzu tal-isem ta' Alfred Andrew Vincent Anthony.

Illi jirrizulta wkoll li r-rikorrenti mhux qieghed jitlob korrezzjoni fl-isem tieghu Alfred pero' zieda f'isem billi jigi Alfred Andrew Vincent Antony. Fil-fehma ta' din il-Qorti biz-zieda tal-ismijiet indikati l-ebda pregudizzju ma ser jinholoq la fl-interess tar-rikorrenti nnifsu aktar u aktar f'dak tat-terzi filwaqt li ser tigi

rikonoxxuta realta' u cioe' li r-rikorrent juza bhala ismu l-erba' ismijiet f'daqqa.

Ghalhekk in vista tal-provi fl-atti u tas-suespost il-Qorti tqis li tressqu provi sufficjenti skont il-ligi sabiex jissodisfaw lill-Qorti li r-rikorrent ilu snin twal maghruf bl-istess ta' Alfred Andrew Vincent Antony u ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' din it-talba.

**Sostituzzjoni tal-kunjom ta' Alfred minn Azzopardi ghal dak ta' Ashley:**

Ir-rikorrent Alfred Ashley ressaq ukoll talba ohra fejn permezz taghha talab li kunjomu minn dak ta' Azzopardi jigi mibdul ghal dak ta' Ashley. Jirrizulta li r-rikorrent kien biddel kunjomu gewwa l-Ingilterra permezz ta' *deed poll* lura fis-6 ta' Marzu, 1973 a fol. 16 tal-process. Ir-rikorrent ghamel 'statutory declaration' quddiem in-Nutar Pubbliku Roger W. Hart a fol. 14 u fol. 15 tal-process fejn bil-gurament tieghu kkonferma li kien ghamel din id-*deed poll* ghand Messr. Young and Rishworth Solicitors of Braintree, Essex fejn permezz taghha biddel kunjomu minn dak ta' Azzopardi ghal dak ta' Ashley. Madanakollu l-original taghha ma setghetx tinstab. Hekk qal:

> '3. On 6th. March 1973 I changed my surname from AZZOPARDI to ASHLEY by means of a Change of Name Deed (hereinafter called "the Deed").
>
> 4. The Deed was prepared by Messrs. Yound and Rishworth Solicitors of Braintree, Essex.

5. Despite an exhaustive search and enquiries the original Deed cannot be found and I verily believe it to have been lost or stolen.'

Illi r-rikorrenti Alfred Ashley taha bhala raguni ghat-tibdil ta' kunjomu illi peress li huwa kien emigra l-Ingilterra sabiex isib xoghol dak iz-zmien kien aktar facli isib xoghol b'kunjom Ingliz:

'*Eventually, since at the time it was easier to find work in the United Kingdom with a British surname rather than a foreign surname, I took the decision to change my surname from Azzopardi to Ashley…*' (ara affidavit a fol. 46 *et seq* tal-process).

Mid-*deed poll* jirrizulta ghalhekk li r-rikorrent ilu jaghmel uzu mill-kunjom Ashley zgur mill-1973 u cioe' total ta' sebgha u erbghin sena (47).

Il-Qorti rat ukoll l-opinjoni legali miktuba minn Nutar Pubbliku Anthony James Nicholas Holt a fol. 26 tal-process li jipprattika gewwa l-Ingilterra li dwar l-uzu tal-deed poll qal illi:

'**I, Anthony James Nicholas Holt NOTARY PUBLIC** duly authorized admitted and sworn and practicing in the City of Leicester in the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland **do hereby certify** that in order to validly change a name under the Laws of England and Wales and for such change to be acceptable to all parties including Public and Government authorities a simple Deed (formerly known as being under seal) commonly named a "Deed Poll" or "Change of Name Deed" can be executed (signed) by the person (over the age of 18) proposing to change their name.

> The UK passport authority will issue a passport in the new name on receipt of a relevant application, and on sight of such a Deed.'

Illi jinghad li ghalkemm l-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jsemmi biss isem u mhux ukoll kunjom, huwa ormai assodat bil-gurisprudenza nostrana, illi l-Qrati m'ghadhomx japplikaw l-ligi b'rigorozita' stretta u qeghdin jigu awtorizzati korrezzjonijiet fil-kunjom jekk jintwera li kien rizultat ta' zball genwin. Ir-raguni primarja ghalfejn il-korrezzjoni tal-kunjom hija aktar imprekattiva minn dik tal-isem hija proprju minhabba l-interess pubbliku u dana stante li kambjamenti f'kunjom jista' johloq pregudizzju lejn interess ta' terzi. Di fatti hekk inghad fis-sentenza **John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace -vs- Direttur tar-Registru Pubbliku** deciza mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-2 ta' Marzu, 1994 fejn gie ritenut illi:

> '… Dan huwa fil-fatt wiehed mill-iskopijiet principali li jservi ghalih ir-Registru Pubbliku, u cjoe' li jkun hemm mod kif terzi li jridu jikkontrattjaw ma certu individwu jkunu f'posizzjoni li jaghmlu ricerka fuq dak l-individwu b'mod kemm jista jkun komplet, u kien propju minhabba dan l-interess tal-pubbliku, u fis-sentenza kkwotata mill-attur tal-31 ta' Ottubru 1930, Maclean gia' Abdilla vs Notario Salvatore Cremona, l-Qorti ddecidiet, anke wara li laqghet it-talba, li spejjez ta' l-attur, kellu l-annotament jigi ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern fi zmien 15-il gurnata; Il-Qorti infatti qalet hekk:- "*Ordina all'attore – a maggior cautela dell'interesse dei terzi – che un aviso venga anche pubblicato, a spese di esso attore entro giorni quindici, nella Gazzetta di Governo indicante la presente decizione con referenza all'avviso gia pubblicat*".'

Illi l-Qorti fic-cirkustanzi kollha suesposti tqis li huwa fl-ahjar interess kemm tar-rikorrenti kif ukoll fl-interess pubbliku in generali li r-rikorrent Alfred jigi rikonoxxut bil-kunjom li fil-fatt ilu snin twal maghruf bih u cioe' dak ta' 'Ashley'. Ghaldaqstant il-Qorti tqis li ghandha tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet relatati wkoll mal-kunjom.

**<u>Sostituzzjoni tal-kunjom ta' David Antony minn Azzopardi ghal dak ta' Ashley:</u>**

Illi r-rikorrent l-iehor u cioe' David Antony Ashley huwa bin ir-rikorrent Alfred Ashley miz-zwieg tieghu ma Ann Jennifer nee' King fid-9 ta' April, 1966.

Illi jigi nnutat li r-rikorrenti David Antony Ashley fl-Att ta' Twelid tieghu bin-numru progressiv 4725 tas-sena 2019 huwa ndikat bhala David Antony Azzopardi (a fol. 12 tal-process).

Jirrizulta li fid-*deed poll* tas-6 ta' Marzu, 1973 a fol. 16 tal-process din il-procedura kienet ukoll tinvolvi t-tibdil tal-kunjom kemm tal-mara kif ukoll tal-ulied. Di fatti fil-punt bin-numru tlieta (3) hemm indikat illi:

*'I authorise and require all persons at all times to designate describe and address me [my wife and my childen} by the adopted surname …'.*

Ir-rikorrent David Antony Ashley ipprezenta diversi dokumenti fuq medda ta' snin li jindikaw l-uzu tal-kunjom Ashley u mhux dak ta' Azzopardi. Huwa pprezenta s-segwenti dokumenti:

1. Kopja tad-divorzju datat 16 ta' Mejju, 1989 minn mal-mara tieghu Jacqueline Agnes Cassels Ashley a fol. 18 *et seq* tal-process minn fejn jirrizulta li huwa ghamel uzu tal-kunjom ta' Ashley. Jirrizulta wkoll li anki l-mara tieghu kienet qieghda taghmel l-uzu tal-kunjom Ashley;

2. Certifikat tat-tieni zwieg ma' Teresa Mary Wyatt fil-31 ta' Marzu, 2001 minn fejn jirrizulta li r-rikorrent ghamel uzu tal-kunjom Ashley a fol. 19 tal-process;

3. Certifikat ta' twelid ta' bint ir-rikorrenti Hannah Rachael minn fejn jirrizulta li l-bint qieghda taghmel uzu mill-kunjom Ashley u l-kunjom tal-missier kif ukoll tal-omm gew indikati bhala 'ASHLEY' a fol. 20 tal-process;

4. Kopja tal-passaport Ingliz tar-rikorrenti fejn gie ndikat bhala David Antony Ashley a fol. 23 tal-process;

5. Kopja tal-passaport Ingliz ta' mart ir-rikorrenti Teresa Mary fejn gie ndikat bhala Theresa Mary Ashley a fol. 24 tal-process;

6. Kopja tal-passaport Ingliz ta' bint ir-rikorrenti Hannah Rachael fejn gie ndikat bhala Hannah Rachael Ashley a fol. 25 tal-process.

Illi l-Qorti rat mill-atti li r-rikorrenti David Antony Ashley ilu jaghmel uzu ufficjalment tal-kunjom Ashley gja mill-1989 u cioe' ghal mill-anqas wiehed u tletin (31) sena. Illi ghalhekk l-konfuzjoni fl-identita' tieghu tinholoq jekk ir-rikorrent jibqa' jigi maghruf bil-kunjom ta' Azzopardi gewwa Malta, filwaqt li gewwa l-Ingilterra huwa maghruf b'kunjom totalment divers u cioe' dak ta' Ashley. *In vista* tal-provi fl-atti u tas-suespost, il-Qorti tqis li

talbiet tar-rikorrent fir-rigward il-korrezzjoni ta' kunjomu huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

Stante li l-korrezzjoni mitluba ma tirrizultax minn xi zball da parti tad-Direttur intimat il-Qorti taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza odjerna.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna u tirrikonoxxi illi r-rikorrent Alfred Ashley validament biddel kunjomu minn Azzopardi ghal Ashley u dan permezz tad-*deed poll* datat 6 ta' Marzu, 1973;

2. Tilqa' t-tieni talba tordna u tirrikonoxxi li permezz tal-imsemmi *deed poll* datat 6 ta' Marzu, 1973 kunjom ir-rikorrent David Antony Ashley ukoll inbidel minn Azzopardi ghal Ashley;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li z-zewg rikorrenti ghandhom ikunu maghrufa gewwa Malta bil-kunjom Ashley;

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna u tirrikonoxxi li l-ismijiet moghtija lir-rikorrent Alfred Ashley u li bihom huwa ghandu ikun maghruf huma 'Alfred Andrew Vincent Antony' u mhux semplicement 'Alfred';

5. Tilqa' l-hames talba u tordna li l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex tali tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-istat civili taz-zewg rikorrenti sa fejn dawn huma kompetenza tieghu.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza ghar-ragunijiet suesposti ghandhom jigu nterament sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**15 ta' Dicembru, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Dicembru, 2020**